# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Marzu, 2024.**

**Numru 13**

**Rikors numru 1207/21/1 CFS**

**Steward Malta Management Limited (C-70624)**

**v.**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

1. L-attriċi appellat is-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-28 ta' Ottubru 2022 li sabet illi m'għandhiex is-setgħa li tisma' u taqta' din il-kawża. L-Ewwel Qorti ddeċidiet li skont l-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud ["Kap. 406"] il-kompetenza kienet tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Għalhekk ħelset lill-Kummissarju konvenut mill-ħarsien tal-ġudizzju.

## Preliminari

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk mill-Ewwel Qorti:

> *"12. Fit-8 ta' Novembru, 2021, il-Kummissarju tat-Taxxi bagħat ittra lil Steward u qalilha li hija għandha kont pendenti miegħu fl-ammont ta' €36,816,847.54 (ara paġna 9 tal-atti tal-kawża). F'din l-ittra l-Kummissarju tat-Taxxi għamililha ċara li Steward kellha żmien ta' 30 jum biex tħallas dan il-kont u li dan l-avviż kien qiegħed isirilha skont l-**artikolu 59 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta**;*
>
> *13. Skont il-kont li hemm mehmuż ma' din l-ittra (ara paġna 10 tal-atti tal-kawża), il-bilanċ dovut minn Steward kien ikopri ż-żmien ta' bejn l-1 ta' Mejju, 2016 u l-1 ta' Ġunju, 2021. Il-bilanċ fil-kont ġie maqsum hekk: (i) €32,948,305.26 bħala taxxa fuq il-valur miżjud li ma tħallsitx; (ii) €3,484,059.98 bħala mgħax fuq l-arretrati tat-taxxa; u (iii) €384,482.30 bħala penali amministrattiva għaliex it-taxxa ma tħallsitx fil-ħin;*
>
> *14. F'dan il-kont hemm imniżżel li, «This statement is to be considered as a demand note for payment in terms of the provision of article 59 of the 1998 VAT Act»"*

3. B'rikors maħluf ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2021, il-kumpanija attriċi talbet lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tirrevoka u tannulla l-Avviż datat 8 ta' Novembru, 2021 maħruġ mill-Kummissarju intimat kontra l-Kumpannija Rikorrenti u anness bħala Dokument A;*
>
> *2. Alternattivament, tiddikjara illi l-Avviż ma jikkostitwix titolu eżekuttiv favur il-Kummissarju intimat;*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimat Kummissarju tat-Taxxi."*

4. B'risposta maħlufa ppreżentata fil-31 ta' Jannar 2022[1], il-konvenut *inter alia* wieġeb:

> *"1. Illi, in linea preliminari u bla preġudizzju, din l-Onorabbli Qorti ma hijiex il-Qorti kompetenti, ratione materiae, biex tisma' din il-kawża u dan in vista tal-Artikoli 43 u 44 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta li, fil-fatt, jipprovdu r-rimedju ordinarju sabiex il-kumpannija rikorrenti tikkontesta l-avviż tal-Kummissarju tat-Taxxi datat it-8 ta' Novembru, 2021, (anness mar-rikors promotur bħala Dokument A) quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva – xi ħaġa li hija għażlet li ma tagħmilx. Dan japplika wkoll għall-perijodi ta' taxxa ta' bejn l-01/05/2016 sa 01/12/2017, u l-interessi u l-penali relattivi, kif ukoll għall-argument fir-rikors promotur li skontu l-Kummissarju tat-Taxxi kellu juri kif ġiet ikkalkolata t-taxxa sa fejn din hija riżultat ta' stima (in konnessjoni mal-argument tal-istima ara wkoll l-eċċezzjoni Nru 5 iktar 'il quddiem f'din ir-risposta)."*

5. B'sentenza mogħtija fit-28 ta' Ottubru 2022 ["is-sentenza appellata"], il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi:

> *"**tilqa**' l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi għaliex issib li din il-qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' u taqta' din il-kawża u b'hekk hija qiegħda teħles lill-istess Kummissarju mill-ħarsien tal-ġudizzju.*
>
> *L-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jitħallsu minn Steward Malta Management Limited ladarba kienet hi li fetħet din il-kawża ħażin."*

6. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu s-segwenti:

> *"18. Kif ingħad aktar kmieni, din is-sentenza hija limitata biss fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Kummissarju tat-Taxxi dwar is-setgħa ta' din il-qorti biex tisma' din il-kawża;*
>
> *19. Din hija eċċezzjoni li skont l-**artikolu 730 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għandha tiġi maqtugħa b'deċiżjoni għaliha, qabel jew inkella flimkien mas-sentenza fuq il-mertu (ara **El Dara Limited v. Emanuel Galea** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Settembru, 2009). Ifisser għalhekk li eċċezzjoni bħal din trid tinqata' permezz ta' sentenza u mhux permezz ta' sempliċi digriet mogħti waqt verbal ta' seduta (ara **Edwin Ċilia v. Melina Ċilia** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021);*

[1] Fol. 14

*20. Illi minħabba li s-setgħa li qorti tisma' kawża toħroġ mil-liġi, kull deroga li żżommha milli tkun tista' twettaq dik is-setgħa tagħha trid tkun waħda espressa u mogħtija tifsira dejqa (ara* ***Joseph Fenech et v. Rev. Saċ. Prof. Serafino Żarb noe et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Mejju, 1952 u* ***Stanley Sullivan et v. Stephen Browning Gilmour et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Jannar, 2013). Mill-banda l-oħra però wieħed irid ukoll iżomm f'moħħu dak imtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza* ***Gaetana Ghiller et v. Michael Ebejer et****, maqtugħa fl-20 ta' Jannar 2008, li materja ta' kompetenza hi ta' ordni pubbliku u l-liġijiet li jirregolawha jridu jiġu strettament applikati. Il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza tal-qorti ma tistax tiġi deċiża fuq bażi ta' ekwità jew konvenjenza;*

*21. Hija r-rieda tal-liġi wkoll (ara* ***artikolu 774 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta****) li, f'każijiet partikolari, il-qorti hija ħielsa li tqajjem minn rajha l-kwistjoni tas-setgħa tagħha li tisma' kawża, ukoll meta ma titqajjimx eċċezzjoni f'dan is-sens (ara* ***L-Avukat Rachel Loporto Montebello nomine v. Victoria Dingli nomine*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar, 2019 u* ***Marianna sive Manon Calleja et v. Kummissarju tal-Artijiet*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2021);*

*22. Issa l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha s-setgħa li taqta' u tiddeċiedi kull materja ta' natura ċivili. Dan hu hekk sakemm din ma tkunx riżervata b'liġi 'ad hoc' lil xi tribunal jew bord speċjali (ara* ***Saviour Mifsud et v. Alfred Lucia et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Lulju, 2004);*

*23. Dwar dan il-qorti tagħraf li tribunali speċjali jew bordijiet kważi-ġudizzjarji, illum il-ġurnata, jiffurmaw parti waħda mill-mekkanżimu tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Fost ir-raġunijiet ewlenija wara l-ħolqien ta' dawn it-tribunali u l-bordijiet speċjalizzati nsibu: (i) il-ħeffa fil-proċeduri; (ii) it-tneħħija ta' ċertu proċeduri amministrattivi minn ħoġor il-qrati; u kif ukoll (iii) biex dawn l-organi jiddeterminaw ċertu kwistjonijiet ta' natura teknika u speċjalizzata li ġudikanti li jpoġġu fil-qrati ordinarji ma jkollhomx id-dehen u l-ħila neċessarja biex ikunu jistgħu jiddeċiedu dwarhom. Dan kollu ġustament minħabba l-limiti tal-għarfien tagħhom fuq dik l-istess materja teknika;*

*24. Il-qsim tal-kompetenza tal-qrati u t-tribunali hija materja ta' ordni pubbliku u l-partijiet ma jistgħux jaqblu dwar quddiem liema qorti jressqu t-tilwima tagħhom. Dan għaliex kif tajjeb imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza* ***Anthony Azzopardi et v. Dorsi Behag et*** *deċiża fil-5 ta' April, 2013,*

> *«il-kompetenza tad-diversi tribunali tal-istat Malti hija regolata b'liġi, u mhux kompitu ta' xi qorti li tasserixxi kompetenza li mhux tagħha. Ir-regoli ta' proċedura huma ta' ordni pubblika u jeħtieġ li jiġu segwiti skont id-dettami espressi tagħhom, u ma jistgħux jiġu interpretati skont ix-xewqa tal-partijiet»;*

*25. Meta qorti tal-ġustizzja żżomm għaliha ġurisdizzjoni li ma jkollhiex, kull deċiżjoni li tieħu dik il-qorti ma tkun tiswa għalxejn. Hekk fil-fatt ingħad fis-sentenza* ***Avukat Dr. Edward Fenech Adami nomine v. Arsemis Christos nomine*** *deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-6 ta' April, 1972 li, «Where a Court takes it upon itself to exercise a jurisdiction which it does not possess its decision amounts to nothing (****G. Halsbury's Laws (3rd Edit.) 350, 359****)»;*

*26. Sewwasew fil-każ tagħna l-Kummissarju konvenut qiegħed jisħaq fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu illi din il-qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' din il-kawża għaliex il-kompetenza dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-kontestazzjoni ta' Steward hija mogħnija bil-liġi lit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva;*

*27. Id-dispożizzjonijiet tal-liġi illi fuqhom hija mibnija din l-eċċezzjoni huma l-****artikoli 43*** *u* ***44*** *tal-****Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta*** *li jgħidu li t-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva għandu jisma' tilwimiet li għandhom x'jaqsmu ma' stejjem ta' taxxa u kwistjonijet li għandhom x'jaqsmu mal-ammonti ta' taxxa li għandhom jitħallsu u mat-twaħħil ta' penali amministrattivi;*

*28. Sewwasew f'dan il-każ, Steward qiegħda tikkontesta t-talba għall-ħlas magħmula mill-Kummissarju tat-Taxxi għaliex qiegħda tgħid: (i) li parti mill-kont tat-taxxa u tal-penali ma kellux jinħareġ kontriha għaliex imur lura għaż-żmien ta' meta hija kien għad ma kellhiex f'idejha t-tliet kumpanniji li qed imexxu l-isptarijiet; (ii) li l-kont ma kellux jinħareġ għalissa għaliex il-partijiet ġa kellhom ftehim bejniethom dwar kif kellha titħallas it-taxxa; u (iii) li safejn il-kont huwa maħdum fuq stima, il-Kummissarju kellu juri kif wasal għal din l-istima. Minħabba f'din il-kontestazzjoni, Steward trid li din it-talba għall-ħlas tal-Kummissarju tat-Taxxi ma tinbidilx f'titlu eżekuttiv skont l-****artikolu 59 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta****;*

*29. Mix-xorta tat-tilwima kif imfassla minn Steward fir-rikors maħluf tagħha, joħroġ ċar li Steward imxiet ħażin meta hija ressqet din il-kawża quddiem din il-qorti u mhux quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva;*

*30. Tassew jekk Steward kienet aggravata b'xi stima li ġiet notifikata lilha mill-Kummissarju tat-Taxxi, hija kellha tressaq il-każ tagħha fi żmien tletin jum quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva skont l-****artikoli 43*** *u* ***59 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta*** *(ara f'dan is-sens* ***Joseph Mary Farrell v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2016). Hekk ukoll, jekk Steward kellha xi kwistjoni dwar l-ammont ta' taxxa u/jew dwar l-ammont ta' penali li l-Kummissarju tat-Taxxa kien qiegħed jitlob fil-konfront tagħha, hija kellha tressaq l-ilment tagħha fi żmien tletin jum quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva skont l-****artikolu 44(b), (ċ), (d), (e)*** *u* ***(k)*** *u l-****artikolu***

***59 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara **Bay Investments Ltd v. Il-Kummissarju tat-Taxxi** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Mejju, 2022 u **Il-Kummissarju tat-Taxxi v. Carmel sive Charles Borġ pro et noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta'Jannar, 2021);*

*31. Hawnhekk ir-rieda tal-leġislatur hija ċara ħafna, viz. li tilwim ta' pagatur mal-Kummissarju tat-Taxxi dwar ammonti dovuti bħala taxxa u penali amministrattivi ma jistgħux jiġu deċiżi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Mod ieħor, fejn it-tilwimiet fiskali jkunu bejn ċittadini privati u mhux mad-dipartiment tat-taxxa, il-kwistjoni ma tibqax aktar kompetenza tat-tribunali speċjalizzati, għaliex dawn it-tribunal speċjalizzati jidħlu biss fejn ikun hemm involut id-dipartiment tat-taxxa (ara **Mario Testa v. Alfred Theuma** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Jannar, 2002);*

*32. Biex jingħad kollox imbagħad, skont il-ġurisprudenza, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tidħol fix-xena fejn xi ħadd ikun irid iwaqqa' t-titlu eżekuttiv miksub mill-Kummissarju tat-Taxxi taħt l-**artikolu 59 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta**, wara li jkunu laħqu għaddew it-tletin jum ta' kontestazzjoni u wara li tkun saret in-notifika tat-talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju, meta pereżempju jintwera li min ikun intalab biex iħallas it-taxxa ma jkunx ġie notifikat bit-talba għall-ħlas tat-taxxa (ara **Christopher Gauċi v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019, **L-Avukat Dr. Peter Fenech nomine v. Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2018 u **Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud v. Frank Fenech** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru, 2012);*

*33. Fil-każ tagħna iżda t-tilwima li Steward għandha mal-Kummissarju tat-Taxxi m'għandhiex x'taqsam ma' xi nuqqasijiet proċedurali tat-titlu eżekuttiv bħal nuqqas ta' notifika tat-talba għall-ħlas. Mod ieħor il-kontestazzjoni li Steward għandha mal-Kummissarju tat-Taxxi hija waħda ta' sostanza li għandha x'taqsam mal-ammonti nfushom li l-Kummissarju tat-Taxxi qiegħed jitlob li jitħallas mingħandhom;*

*34. Għalhekk din il-qorti qiegħda ssib li l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju konvenut, li din il-qorti ma tistax tisma' u tiddeċiedi din il-kawża, hija waħda tajba;*

*35. Il-qorti tagħlaq billi tgħid li hija ma tistax tibgħat l-atti ta' din il-kawża lit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva skont l-**artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex din id-deċiżjoni qiegħda tingħata permezz ta' sentenza parzjali skont l-**artikolu 730 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u mhux permezz ta' digriet kamerali li ma jistax jiġi appellat skont l-**artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

*36. Steward għażlet li tikkontesta din l-eċċezzjoni, tħalliet tressaq il-provi tagħha (għalkemm imbagħad ma ressqithomx) u anke ressqet is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub. Għalhekk huwa xieraq li din l-eċċezzjoni tiġi deċiża b'sentenza skont l-**artikolu 730 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** ħalli jekk tkun trid Steward tkun tista' tappella minn din is-sentenza. Li kieku din id-deċiżjoni ngħatat b'digriet kamerali skont l-**artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, din id-deċiżjoni ma kinitx tkun tista' tiġi appellata u b'hekk Stewart tkun ġiet li tilfet il-jedd ta' appell;*

*37. Sfiq ma' dan, il-qorti tifhem li l-**artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħodd meta l-attur ma jkunx qiegħed jikkontesta l-eċċezzjoni tal-kompetenza li tkun ġiet imqanqla mill-konvenut u jħalli f'idejn il-qorti tiddeċiedi hi jekk għandhiex iżżomm il-kawża jew inkella tibgħathiex quddiem qorti jew tribunal ieħor. Huwa għalhekk li f'każ bħal dan, il-liġi fl-**artikolu 741(b)** trid li d-digriet li ma jkunx appellabbli. Meta iżda l-parti topponi għal dik l-eċċezzjoni tal-inkompetenza għaliex l-attur jinsisti li l-kawża fetaħha sew bħalma ġara f'dan il-każ, allura l-qorti ma tkunx aktar tista' tagħti digriet mhux appellabbli skont l-**artikolu 741(b)** iżda jkollha tagħti sentenza dwar dik l-eċċezzjoni skont l-**artikolu 730**, ħalli b'hekk il-partijiet li jkunu qegħdin jitlewmu dwar il-kompetenza tal-qorti jkunu jistgħu, jekk iridu, jappellaw minn dik is-sentenza;*

*38. Naturalment jekk l-attur ikun għażel li jikkontesta l-eċċezzjoni tal-inkompetenza u l-qorti issib kontrih permezz ta' sentenza, l-attur ma jistax jippretendi li l-qorti tuża' l-**artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, sabiex wara s-sentenza, hija tagħti digriet biex tibgħat il-kawża quddiem il-qorti t-tajba. L-aktar li jista' jagħmel l-attur huwa li jappella minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell biex din iddawwar is-sentenza tal-ewwel qorti;*

*39. Ir-rinviju msemmi fl-**artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għalhekk ma jistax jiġi użat meta l-eċċezzjoni tiġi deċiża b'sentenza. Li kieku rinviju taħt dan l-artikolu jkun jista' jsir anke wara li tingħata sentenza mill-ewwel qorti u mill-qorti tal-appell, dan ikun ifisser li l-qorti jew tribunal li jirċievi l-kawża jkun jista' ma jaqbilx ma' dik is-sentenza u jerġa' jibgħat lill-Qorti tal-Appell u nerġgħu niġu ċirku tond. Ħaġa bħal din, żgur li ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur. Għalhekk il-qorti qiegħda tifhem li r-rinviju msemmi fl-**artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jista' jsir biss meta l-eċċezzjoni tal-inkompetenza ma tiġix deċiża b'sentenza u tiġi deċiża biss b'digriet kamerali għaliex il-partijiet ma jkollhomx kontestazzjoni bejniethom dwar il-qorti kompetenti;*

*40. Fuq kollox, il-qorti tifhem li r-rinviju lil tribunal ieħor kif imsemmi fl-**artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jista' jsir biss sakemm dak ir-rinviju jkun wieħed fattibbli. Skont l-**artikoli 43**, **44** u **59 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta,** il-kwistjoni mqanqla minn Stewart kellha titressaq quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva fi*

*żmien tletin jum mid-data tan-notifika tat-talba għall-ħlas magħmula mill-Kummissarju tat-Taxxi. F'dan il-każ, tajjeb jew ħazin dawn it-tletin jum illum għaddew. Għalhekk din il-qorti, anke kieku trid, ma tistax tibgħat l-atti lit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva ladarba dan iż-żmien laħaq għadda;*

*41. Il-qorti tqis ukoll li lex vigilantibus spectat. Jiġifieri li l-liġi tħares lejn l-interessi ta' dawk li joqogħdu attenti mal-liġi. F'dan il-każ kien nuqqas ta' Steward, li ressqu din il-kawża quddiem l-organu ġudizzjarju l-ħażin. Fiż-żgur, din il-qorti ma tistax ma tqisx ukoll li Steward għażlet li tikkontesta l-eċċezzjoni tal-kompetenza mqajma mill-Kummissarju konvenut u għar-raġunijiet li tafhom hi biss, għażlet li taħli xhur sħaħ fuq din il-kwistjoni tal-kompetenza billi l-ewwel titlob li tressaq il-provi dwar din il-kwistjoni biex mbagħad ma tressaqhomx;*

*42. Tassew din il-qorti ma tarax li tkun qiegħda tagħmel sew, jekk tibgħat l-atti lit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva, aktar u aktar: (i) meta jkollok sitwazzjoni bħal f'dan il-każ fejn kawża tinfetaħ quddiem qorti ħażina bla ġustifikazzjoni; (ii) meta għandek liġi ċara li tgħidlek fejn din il-kawża għandha titressaq; u (iii) agħar minn hekk dik il-parti ttawwal il-proċeduri għalxejn billi twiegħed li ħa tressaq il-provi imbagħad ma tressaqhomx. Fil-fehma ta' din il-qorti, ir-rinviju msemmi fl-**artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** m'għandux iservi biex parti tinqeda bih bil-ħsieb ħażin li tipprova tirbaħ iż-żmien"*

7. Il-kumpanija konvenuta appellat b'rikors ippreżentat fit-3 ta' Novembru 2022 fejn tilmenta illi:

i. l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li ma kinitx kompetenti li tiddeċiedi l-kawża odjerna;

ii. fi kwalunkwe każ, kemm-il darba l-Ewwel Qorti kkonkludiet li mhijiex kompetenti tisma' u tiddeċiedi l-kawża, l-Ewwel Qorti kienet <u>obbligata</u> li tibgħat l-atti lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u mhux tiddeċiedi l-kawża billi teħles lill-appellat mill-osservanza tal-ġudizzju; u

iii. li *dato ma non concesso* li l-Ewwel Qorti kellha xi diskrezzjoni dwar jekk tibgħatx l-atti lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva – punt li qed jiġi kontestat bit-tieni aggravju – l-Ewwel Qorti għażlet li ma tibgħatx l-atti għal numru ta' raġunijiet li huma żbaljati u/jew irrilevanti.

8. Talbet għalhekk lil din il-Qorti sabiex:

> *"tirrevoka s-sentenza datata 28 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet premessi fejn l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi u ħelset lill-istess Kummissarju mill-ħarsien tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-appellanta u minflok tiddeċiedi li l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili hija kompetenti sabiex tisma l-kawża odjerna jew, fin-nuqqas, u jekk dato ma non concesso din il-Qorti tqis li tassew il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili m'hijiex il-forum kompetenti, tordna illi l-każ jiġi riferut lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva biex jista' mbgħad jitkompla quddiemu, filwaqt illi tagħti dawk id-direzzjonijiet u ordnijiet oħra li jidrilha xierqa u ġusta."*

9. Il-Kummissarju konvenut wieġeb illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma u li, għalhekk, l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

10. Fl-<u>ewwel aggravju</u> l-attriċi tikkontesta dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ddeċidiet li mhijiex kompetenti sabiex tisma' u taqta' din il-kawża u għalhekk ħelset lill-Kummissarju konvenut mill-ħarsien tal-ġudizzju. Tgħid li hawn l-Ewwel Qorti fixklet l-avviż kontestat, li ġie mibgħut lilha *a tenur* tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406, ma' stima *ai termini*

tal-Artikoli 32, 33 u 43 tal-istess Att, u b'hekk fixklet il-bażi tal-azzjoni tagħha. Tisħaq li, kuntrarjament għall-każ fejn issir stima, il-liġi ma toħloq l-ebda proċedura *ad hoc* sabiex wieħed jattakka jew jikkontesta avviż.

11. Il-Kummissarju konvenut wieġeb iżda li l-ilmenti kollha tal-attriċi jaqgħu fil-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Dan bis-saħħa tal-Artikolu 43 tal-Kap. 406, jew, fil-każ ta' dawk l-ilmenti l-oħra kollha li mhux marbuta mal-ammont ta' taxxa *ut sic*, bis-saħħa tal-Artikolu 44 tal-Kap. 406. Isostni ukoll li hemm distinzjoni netta bejn dak li huwa titolu eżekuttiv innifsu (l-avviż) u l-att li jrendih eżegwibbli (l-ittra uffiċjali) u skontu huwa biss dan tal-aħħar li jista' jiġi kkontestat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Iżid jgħid ukoll illi l-ilmenti tal-attriċi kontra l-avviż in kwistjoni m'humiex ilmenti li jirrigwardaw nuqqasijiet proċedurali fil-mod li dak l-avviż inħareġ jew sejjer jiġi eżegwit.

12. L-isfond fattwali li fuqu l-kumpanija attriċi bbażat din il-kawża huwa sostanzjalment is-segwenti:

i. Il-kumpanija attriċi, flimkien ma' kumpaniji oħra fl-istess grupp, hija parti f'konċessjoni mogħtija mill-Gvern ta' Malta għall-iżvilupp mill-ġdid, żamma, ġestjoni u tħaddim tal-isptar San Luqa, l-Isptar Karen Grech u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex;

ii. L-akkwist sar fi Frar 2018 bi ftehim mal-Gvern, billi xtrat l-ishma tal-kumpaniji Vitals Global (konċessjonarji oriġinali) mingħand l-azzjonista tagħhom, Bluestone Investments Limited. Sussegwentement isem il-kumpanija attriċi nbidel għal dak preżenti;

iii. Wara li akkwistaw l-ishma, il-grupp Steward wettaq *audit* u sab mankanzi fid-dikjarazzjonijiet tal-VAT li minnufih issenjala lill-Kummissarju konvenut;

iv. Il-Kummissarju konvenut kien lest jinnegozja ftehim dwar ħlas tal-pendenzi sostanzjali li rriżultaw dovuti lilu u fil-fatt tħejja abbozz ta' ftehim għal hekk. Madanakollu, dak l-abbozz qatt ma ġie ffirmat;

v. Fil-11 ta' Novembru 2021 il-kumpanija attriċi rċeviet[2] avviż datat 8 ta' Novembru 2021[3] li bih il-Kummissarju konvenut talab il-ħlas ta' €36,816,847.54 rappreżentanti pendenzi ta' taxxa fuq il-valur miżjud, interessi u penali skont il-Kap. 406 għall-perjodi bejn l-1 ta' Mejju 2016 u l-1 ta' Ġunju 2021[4]. Dak l-avviż kien jgħid ukoll li qiegħed jintbagħat *a tenur* tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 u li jekk ma jsirx il-ħlas fi żmien 30 jum il-Kummissarju konvenut kien sejjer jipproċedi legalment għall-ġbir.

---

[2] Paġna 3 tar-rikors tal-appell
[3] Fol. 9
[4] Fol. 10

13. L-Artikolu 59 tal-Kap. 406, li abbażi tiegħu nħareġ l-avviż kontestat, jipprovdi hekk:

> *"59. (1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzaz-zjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> *(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirreġistra fir-reġistru pubbliku jew fir-reġistru tal-artijiet, skont il-każ, nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-attġudizzjarju u dik in-nota ta' privileġġ tista' tiġi reġistrata minn kull avukat jew nutar.*
>
> *(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 468 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw dwar kull mandat maħruġ bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi f'dan l-artikolu u għall-iżbank ta' kull flus li jinġabru mill-bejgħ fl-irkant tal-proprjetà maqbuda, u ebda oppożizzjoni jew riżerva fiċ-ċedolata' depożitu ma għandha twaqqaf il-ħlas ta' xi somma li tkun depożitata fil-qorti wara li jkun sar dak il-mandat kif imsemmi qabel."*

14. Fis-7 ta' Diċembru 2021 l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet lill-Qorti sabiex:

i. tirrevoka u tannulla l-avviż datat 8 ta' Novembru 2021 maħruġ mill-Kummissarju konvenut kontriha; jew

ii. alternattivament tiddikjara li l-istess avviż ma jikkostitwix titolu eżekuttiv favur il-Kummissarju konvenut.

15. Ir-raġunijiet għalfejn l-attriċi għamlet dawk it-talbiet huma s-segwenti:

15.1. li l-VAT għall-perjodi ta' taxxa mill-1 ta' Mejju 2016 sal-1 ta' Diċembru 2017 (iż-żewġ perjodi nklużi) mhix dovuta għaliex hija m'għandhiex twieġeb għall-arretrati ta' taxxa li jolqtu ż-żmien meta l-kumpaniji li kienu jmexxu l-isptarijiet kienu jaqgħu taħt Bluestone Investments Limited; *"Ikun hemm ksur ta' prinċipji ta' liġi amministrattiva ta' fairness/ġustizzja jekk issir insistenza illi l-kumpannija rikorrenti tħallas arretrati għall-imsemmi perjodu"*.

15.2. li anke jekk kieku stess hija kellha tagħmel tajjeb għall-arretrati tat-taxxa, mhux sew li hija tagħmel tajjeb ukoll għall-interessi u l-penali fuq it-taxxa li ma tħallsitx fiż-żmien li kien hemm Bluestone Investments Limited;

15.3. li t-talba għall-ħlas magħmula mill-Kummissarju konvenut saret qabel il-waqt għaliex bejn il-partijiet kien hemm abbozz ta' ftehim li d-dejn kellu jitħallas fuq terminu ta' żmien;

15.4. li sa fejn il-kont jinsab imsejjes fuq stima ta’ taxxa, il-Kummissarju tat-Taxxi jrid juri li dak kollu mitlub minnu huwa tassew dovut; u

15.5. li l-kreditu li l-Kummissarju tat-Taxxi qed jgħid li għandu mhuwiex ċert, likwidu u dovut u għalhekk mhuwiex titolu eżekuttiv.

16. Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-Kummissarju argumenta illi l-Qorti Ċivili, Prim’Awla mhijiex kompetenti biex tisma’ din il-kawża *ratione materiae* għaliex, a tenur tal-Artikoli 43 u 44 tal-Kap. 406 il-kompetenza hi tat-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva.

17. Il-kompetenza tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva fil-kuntest ta’ tilwimiet rigwardanti taxxa fuq il-valur miżjud hi regolata f’Artikolu 45 tal-Kap. 406 li jipprovdi:

> *“Għandu jitwaqqaf Tribunal tar-Reviżoni Amministrattiva bil-għan li jisma’ u jaqta’ appelli u riferenzi li jsiru skont l-artikoli 43 u 44.”*

18. L-Artikoli 43, 44 u 45 tal-Kap. 406 ilkoll jinsabu fit-Taqsima V tal-Kap. 406, dwar *“Denunzi, Stimi, Penalitajiet u Appelli”*. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 59, li abbażi tiegħu nħareġ l-avviż kontestat, jinsab fit-Taqsima VIII dwar il-Ġbir. Dan qiegħed jingħad sabiex minn issa ssir id-debita distinzjoni bejn dik il-fażi fejn it-taxxa, l-imgħax, u l-penali relattivi jkunu għadhom mhux determinati b’mod finali, u allura suġġett għal appell quddiem l-imsemmi Tribunal, u l-fażi tal-ġbir illi, skont il-liġi, għandha

ssegwi <u>wara</u> li t-taxxa dovuta tkun diġà ġiet finalment determinata iżda għal xi raġuni jew oħra ma tkunx tħallset.

19. Stabbilit dan il-kuntest, l-Artikolu 43 tal-Kap. 406, li ġie nvokat mill-Kummissarju konvenut in sostenn tal-allegat nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla li tisma' u tiddeċiedi dan il-każ, jipprovdi hekk:

> *"43. Kull persuna li tħoss ruħha aggravata bi stima li tiġi notifikata lilha tista' tagħmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal."*

20. Il-Kummissarju għandu l-awtorità li joħroġ stima ta' taxxa (ara per eżempju Artikoli 31 u 32 tal-Att).

21. Milli tista' tifhem il-Qorti, il-Kummissarju għamel referenza għal dik id-dispożizzjoni għaliex f'paragrafu 15(d) tar-rikors promutur,[5] il-kumpanija attriċi tgħid li qiegħda tikkontesta l-avviż mibgħut lilha mill-Kummissarju konvenut *inter alia* għaliex:

> *"jekk u safejn l-istatement huwa bbażat fuq stima ta' taxxa, il-konvenut jeħtieġlu juri kif ġiet ikkalkulata t-taxxa allegatament dovuta u juri li hija sew dovuta"*

22. L-użu tal-kelma *'jekk'* tagħti lill-Qorti x'tifhem li l-attriċi qiegħda tagħti x'tifhem li ma tafx jekk l-avviż hux bażat fuq stima ta' taxxa jew le.

23. Min-naħa tiegħu l-Kummissarju konvenut sostna li kwalunkwe parti mit-taxxa li kienet stmata, ġiet dikjarata bħala dovuta mill-kumpanija attriċi

---

[5] Fol. 6

stess, u li l-ammont in kwistjoni huwa llum ibbażat fuq d-denunzji sottomessi minnha (fol. 17, para 7). In sostenn ta' dan ippreżenta d-denunzji kollha relattivi għall-perjodi in kwistjoni (eżebiti bħala "Dok A" a. fol. 21 *et seq*), li effettivament ilkoll jindikaw l-ammont dovut bħala "*return tax".* Fil-kaxxa ntestata *"audit assessment"* l-valur huwa dejjem "0.00". Għalhekk il-provi jindikaw li l-każ ma jitrattax dwar stima maħruġa mill-Kummissarju.

24. Jekk imbagħad il-kumpanija rikorrenti ma qablitx mad-dikjarazzjonijiet fiskali li kienu diġà saru, kull ma kellha tagħmel huwa li tissottometti formoli ta' aġġustament *a tenur* tal-Artikolu 28 u l-Ħdax-il Skeda tal-Kap. 406.

25. Fit-tieni lok il-Kummissarju argumenta illi r-raġunijiet l-oħra kollha li tat l-attriċi għalfejn qiegħda tikkontesta l-avviżi li mhumiex marbuta mal-ammont ta' taxxa *ut sic*, jaqgħu fil-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva bis-saħħa tal-Artikolu 44 tal-Kap. 406

26. Dik id-dispożizzjoni tipprovdi hekk:

> *"44. Jekk tqum xi kwistjoni, li ma tkunx stima, dwar –*
>
> *(a) ir-reġistrazzjoni ta' persuna taħt dan l-Att jew it-tħassir ta' dik ir-reġistrazzjoni;*
> *(b) kull taxxa li għandha titħallas fuq provvista jew akkwist ħlief għal taxxa stmata fi stima u kull tnaqqis li jista' jintalab lura kontra dik it-taxxa;*

*(c) jekk operazzjoni li ssir jew kellha ssir minn persuna tkunx provvista taxxabbli jew akkwist taxxabbli jew le jew jekk importazzjoni ta' oġġetti magħmula jew li jkollha tintgħamel minn persuna tkunx importazzjoni taxxabbli jew le;*

*(d) kull taxxa li għandha titħallas fuq l-importazzjoni ta' oġġetti;*

*(e) il-lok, il-ħin u l-valur taxxabbli ta' provvista jew akkwist taxxabbli;*

*(f) l-ammont ta' tnaqqis permess lil persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għal xi żmien ta' taxxa;*

*(g) kull garanzija meħtieġa mill-Kummissarju taħt dan l-Att;*

*(h) jekk xi ħlas lura ta' taxxa mitlub minn xi persuna jkunx dovut jew għandux jitħallas lil dik il-persuna jew le;*

*(i) kull punt ta' liġi li m'huwiex inkluż fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu;*

*(j) kull ħaġa li, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' kull regolament li jsir bis-saħħa ta' dan l-Att, tista' tinġieb fl-appell;*

*(k) l-impożizzjoni ta' kull penali amministrattiva, ħlief meta imposta bħala riżultat ta' stima,*

*dik il-kwistjoni tista' tiġi riferita lit-Tribunal minn kull persuna li turi għas-sodisfazzjon tat-Tribunal li għandha interess dirett f'dik il-kwistjoni jew mill-Kummissarju.*"

27. Kwistjonijiet li ma jkunux stima u li jissemmew f'Art. 44 tal-Kap. 406 tista' ssir referenza dwarhom quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Minn dik id-deċiżjoni hemm dritt ta' appell skont l-Artikolu 47 tal-istess liġi.

28. Fil-każ in eżami l-attriċi m'utilizzatx il-proċedura ta' referenza quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva iżda għażlet li tiftaħ kawża quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla.

29. Il-Qorti hi tal-fehma li l-kwistjonijiet dwar taxxa (perjodu l-1 ta' Mejju 2016 sa l-1 ta' Diċembru 2017), imgħax u penali fihom kontestazzjoni dwar l-ammonti dovuti, u jinvolvu fihom punt ta' liġi (paragrafu (j) ta' Art. 44 tal-Kap. 406). L-istess raġunament jista' jsir dwar jekk it-talba għall-ħlas tal-Kummissarju hijiex intempestiva għaliex l-attriċi qiegħda ssostni li seħħ ftehim li jorbot lill-partijiet, u għalhekk hu evidenti li qiegħda tistrieħ fuq il-prinċipju legali ta' *pacta sunt servanda*. Dan apparti li l-kwistjoni dwar il-penali taqa' taħt paragrafu (k) tal-Art. 44. Ovvjament jekk dawk l-ilmenti tal-attriċi m'għandhomx mis-sewwa, jisfuma wkoll fix-xejn l-ilment tagħha li d-dejn m'huwiex ċert, likwidu u dovut. Mir-rikors maħluf hu evidenti li dak l-ilment hu biss sussidjarju għat-tliet ilmenti prinċipali.

30. Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti taqbel mar-raġunament u deċiżjoni li tat l-Ewwel Qorti li t-Tribunal ta' Reviżjoni Amminstrattiva għandu l-kompetenza biex jiddeċiedi dwar l-ilmenti tal-attriċi.

31. L-aggravji ta' wara jitrattaw dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti m'ordnatx it-trasferiment tal-atti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, b'applikazzjoni tal-Artikolu 741(b) tal-Kap. 12.

32. L-Ewwel Qorti argumentat li dik id-dispożizzjoni m'għandhiex tintuża sabiex parti tinqeda biha biex tipprova tirbaħ iż-żmien. Fil-fatt

osservat li Steward għażlet li tikkontesta l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza u ħliet xhur sħaħ fuqha billi, *"41...... l-ewwel titlob li tressaq il-provi dwar din il-kwistjoni biex mbagħad ma tressaqhomx"*.

33. L-għan wara l-proviso ta' Art. 741(b) kien biex kwistjoni ta' kompetenza tinqata' fl-iqsar żmien possibbli u l-każ jintbagħat quddiem il-Qorti, bord, jew tribunal kompetenti biex jisma' u jiddeċiedi l-każ. Fil-każ tal-lum il-kawża nfetħet fis-7 ta' Diċembru 2021. L-eċċezzjoni ta' kompetenza qiegħda tiġi deċiża b'mod finali kważi sentejn wara. Għalhekk hu ċar li nħela ħafna żmien fuq l-eċċezzjoni ta' kompetenza. Dan żgur m'huwiex dak li ried il-leġislatur meta introduċa dik il-*proviso*.

34. Il-Kummissarju argumenta li l-proviso ma japplikax għall-każ in eżami ġialadarba l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza ġiet deċiża b'sentenza. Il-proviso jaqra hekk:

> *"Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta'dik il-kawża"*.

35. F'dan il-każ ma ngħatax digriet *in camera* iżda l-Ewwel Qorti għażlet li tagħti sentenza li ġiet appellata. Però hu evidenti li l-liġi ma tagħtix għażla lill-Qorti dwar jekk tagħtix sentenza jew digriet fejn tkun tal-fehma li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, kif wara kollox kien f'dan il-każ. Għalkemm Art. 730 tal-Kap. 12 jipprovdi li eċċezzjoni ta' kompetenza għandha tiġi deċiża b'kap għalih f'sentenza, hu evidenti li l-proviso ta' Art.

741(b) hu eċċezzjoni f'każ li l-Qorti tkun sodisfatta li l-eċċezzjoni hi ġustifikata.

36. Għaldaqstant, il-fatt li l-Ewwel Qorti għażlet li tagħti sentenza minflok digriet *in camera*, m'għandux iċaħħad lill-attriċi mir-rimedju li joffri l-Art. 741(b) tal-Kap. 12. B'hekk din il-Qorti ser tordna t-trasferiment tal-atti tal-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sabiex b'hekk il-kwistjoni tiġi determinata darba għal dejjem mingħajr iktar ħela ta' żmien u proċeduri. Ovvjament dan bla preġudizzju għar-rekwiżiti li jissemmew fid-disa' skeda tal-Kap. 406 dwar il-proċedura ta' riferenza lit-Tribunal.

<u>Deċiżjoni</u>.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-attriċi biss sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq. Għalhekk tvarja s-sentenza li tat l-Ewwel Qorti fis-sens li tħassar il-parti dispożittiva tas-sentenza appellata li taqra, *"..... u b'hekk hija qiegħda teħles lill-istess Kummissarju mill-ħarsien tal-ġudizzju"*. Minflok tordna li l-atti jintbagħatu quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sabiex jitkompla s-smigħ tal-każ quddiemha.

Spejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu a karigu tal-attriċi *stante* dan kollu beda minħabba nuqqas tagħha meta naqset milli tirrikorri għall-proċedura ta' referenza kontemplata fl-Art. 44 tal-Kap. 406.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da